Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 76/2016

Il-Pulizja

Spettur Nicholas Vella

Vs

Silvano Vassallo

Illum 30 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Silvano Vassallo detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 104573M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Gewwa Triq ir-refugjati tal-gwerra, Mosta nhar it-12 ta' Marzu, 2015 ghall-habta tal-16.35hrs:

1. Hebb minghajr ma darab lil missieru paolo Vassallo;
2. U aktar talli bil-hsieb li jtellef jew jaqqas mill-gieh ta' missieru Paolo Vassallo wegghu bi kliem, b' gesti, b' kitba jew b' disinji jew b' xi mod iehor bi ksur tal-artikolu 252 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, lok u hin, ikkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artiklu 222(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz li hekk jidrila xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' paolo Vassallo jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, turbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata minnha.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Frar, 2016, fejn il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hat ital-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 252 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih that ordni ta' probation ghal zmien sena (1),

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-konsegwenzi jekk jikkomemetti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' malta qed turbot lill-imputat b' garanzija li ma jimmolestax lil Paolo Vassallo u dana ghal zmien sena mill-lum that penali ta' €1000.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation and Parole.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Silvano Vassallo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Frar, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tat-8 ta' Frar, 2016 u filwaqt li tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tielet imputazzjoni, tvarjaha u thassarha meta sabitu hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minn kull htija ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; sussidjarjament, jitlob li din l-Onorabbli Qorti, filwaqt li tikkonfermaha s-sentenza appellata in kwantu lliberatu mit-tielet imputazzjoni, tvarjaha u tirriduci l-piena inflitta jew inkella b' applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tissostitwixxi l-piena inflitta ghal wahda li din l-Onorabbli Qorti jidhrila xierqa u opportuna.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Silvano Vassallo huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. It-tieni imputazzjoni hija legalment irritwali insostenibbli.

L-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati that din l-imputazzjoni kif dedotta in kwantu tirreferi ghal tixrid ta' kliem jew informazzjoni ingurjuza lil terzi, bil-hsieb specifiku li jtellef il-gieh tal-vittma, liema elementi ma jirrizultawx mill-fatti tal-kaz.

Huwa ormaj pacifiku illi sabiex tinstab htija that l-artikolu 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, (dak li komunament jissejjah l-ingurja gravi), iridjirrizulta li l-ingurji, jew il-kontenut ingurjuz, gew imxandra volutament u intenzjonalment mill-imputat lil terzi persuni, bil-ghan u bil-mens rea li jbaxxi l-gieh tal-persuna li dwarha jkun qieghed jitkellem.

Dawn l-elementi, f' din il-kawza, ma jirrizultawx.

Fl-ewwel lok, l-esponent jissottometti illi l-Ewwel Qorti naqset milli taghti xi spjegazzjoni jew konsiderazzjoni ta' l-'ghaliex' instab hati that it-tieni imputazzjoni. Il Qorti f' sede penali hija obbligata sabiex fis-sentenza taghha tirregistra l-konsiderazzjonijiet taghha ghall-finijiet ta' htija u piena. Dawn il-konsiderazzjonijiet ma jammontawx biss ghal gabra tal-fehmiet tal-partijiet u wisq anqas ghall-elenkar tad-disposizzjonijiet tal-Ligi. Il-konsiderazzjoni li ghandha tipproduci l-Ewwel Qorti huma l-fehma tal-istess Qorti izda c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Dan mhuwiex biss fid-dmir procedural ital-Ewwel Qorti izda huwa dritt fundamental ital-appellant akkuzat sabiex kemm l-istess appellant u s-socjeta' jifhmu u japprezzaw kemm ir-ragunijiet ghas-sejbien tal-htija, kif ukoll il-kwalita' u l-kwantita' tal-piena nflitta, ir-riforma tal-akkuzat, kif ukoll l-ispjegazzjoni da part ital-Ewwel Qorti dwar l-izvilupp tal-prassi gudizzjarja.

F' dan il-kaz, dwar din l-imputazzjoni, jekk xejn, jirrizulta biss, skond il-parte civile wahdu, li l-esponent ghajru b' xi kliem baxx f' nofs tilwima. Jirrizulta wkoll (skond

ix-xhieda ta' Roderick Vassallo) li anke l-parte civile stess ipprovoka lill-esponentb' tghajjir u bi kliem baxx. Dawn il-fatti zgur li mhumiex bizzejjed ghall-finijiet tad-delitt tal-ingurja gravi. Jekk xejn, u bla hsara ghat-tieni aggravju f' dan l-appell, dawn il-fatti jistghu, jekk provati, jammontaw ghall-ingurja kontravenzjonali. Il-Qrati taghna jghallmu li din l-imputazzjoni tehtieg, (in kwantu delitt), l-element intenzjonali tal-akkuzat, li ghandha tirrizulta mit-tizrid volontarju u kriminuz tal-ingurja da part ital-imputat, lil terzi persuni, imqar wahda. Huwa car li f' dan il-kaz ma hemm xejn li jindika b' xi mod li seta' gara xi haga hekk.

Anke kieku stess ipotetikament wiehed jipprova jattribwixxi l-valur ta' 'terza persuna' lix-xhud Roderick Vassallo, l-istess xhud jghid li ma jiftakarx il-kliem li ntqalu.

L-artikolu 252 (1) jghid hekk: '[K]ull min, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi had iwegghu bi kliem, b' gesti, b' kitba, b' disinji jew b' xi mod iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlett xhur jew il-multa'.

L-esponent jirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Vella:

'biex ikun hem ir-reat ta' ingurja skond l-artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc, skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b' hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ('with the object of destroying or damaging the reputation of any person', fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu indirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma punti bhala kontravenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-artikolu 339 (1) tal-Kodici Kriminali.' (ara wkoll Pulizija vs Emanuel Mifsud deciza fis-7 ta' Ottubru 2015 per imh. David Scicluna).

Ghaldaqstant, l-Ewwel Qorti zbaljat meta sabet lill-esponent hati ta' din l-imputazzjoni.

2. L-ewwel imputazjoni kienet preskritta in kwantu n-notifika tal-esponent saret irregolarment

L-esponent jissottometti wkoll illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta haditx in konsiderazzjoni is-sottomissjoni tieghu li n-notifika tac-citazzjoni saret irregolarment u li, minhabba f' hekk, l-ewwel imputazzjoni kienet preskritta.

Waqt is-smiegh tal-kawza l-esponent irrileva li l-ewwel darba li qatt ircieva c-citazzjoni mertu ta' din il-kawza kien waqt is-seduta nnifsha. L-ispettur prosekutur ezebixxa referta pozittiva tal-appellant, li minnha pero' jirrizulta thalliet propju f' idejn il-parte civile stess, Paolo Vassallo, l-unika persuna li kellu interess li l-lesponent ikun notifikat.

B' kull dovut rispett, l-Ewwel Qorti kellha necesserjament tiddikjara dik in-notifika bhala wahda irregolari in kwantu thalliet propju f' idejn il-persuna li ghamlet il-kwerela mal-pulizija.

L-artikolu 187 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta (applikabbli wkoll ghal procedure kriminali) jirreferi ghal 'lok fejn toqghod'. Kemm il-parte civile, kif ukoll ix-xhud Roderick Vassallo ikkonfermaw bil-gurament li huma jafu li l-esponent ma joqghodx fir-residenza tal-perte civile, izda joqghod f' appartament Marsaskala.

L-esponent jissottometti umilment li f' kull kaz, ic-citazzjoni thalliet propju f' idejn il-persuna li kontriha kellha l-kawza. Bid-dovut rispett, hija sitwazzjoni illogika u pregudizzjali ghad-drittijiet tal-esponent li n-notifika titqies valida jekk tithalla f' id il-persuna li kontriha jkollok il-kawza, gjaladarba din il-persuna hija hija imparentata mal-akkuzat. Il-posizzjoni mehuda mill-Ewwel Qorti hija wahda ghal kollox riskjuza. X' kienet taghmel l-Ewwel Qorti li kieku l-esponent ma rceiex ir-referta tal-appuntament (biss) f' Dicembru 2015 minhabba bdil fil-Magistrat tas-seduta tad-distrett tal-Mosta u minflok irceviha l-parte civile, bir-rizultat li ma tfaccjax ghas-seduta? Seta' l-esponent ghalhekk, jigi mmultat ghal disprezz lejn il-Qorti f' kaz bhal dan? Bid-dovut rispett, il-procedura kif accettata mill-Ewwel Qorti mhux biss hija riskjuza u li tista' twassal ghal konsegwenzi ingusti u mhux meritati

fil-konfront tal-imputat, izda li tippregudika serjament id-drittijiet procedurali tieghu li jkun debitament u legalment notifikat bl-imputazzjoni migjuba kontrih.

Minkejja l-oggezzjoni tal-esponent dwar il-validita' tan-notifika tac-citazzjoni l-Ewwel Qorti, ghal xi raguni, ma kkunsidratx din is-sottomissjoni u qieset in-notifika bhala wahda valida. Gjaladarba pero', kif gia spjegat, in-notifika tac-citazzjoni ma kienetx wahda skond il-ligi u li thares id-drittijiet procedural ital-akkuzat, l-ewwel darba li l-esponent gie notifikat bic-citazzjoni kienet propju fis-seduta tas-smiegh u sentenza fit-8 ta' Frar, 2016.

Dan necesserjament iwassal ghall-konkluzjoni li l-ewwel imputazzjoni hija preskritta u a tenur tal-ligi u ghaldin ir-raguni l-appellant ghandu jigi liberat minnha ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

3. Dwar il-piena.

F' kull kaz, u assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jissottometti illi l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti hija, fl-ewwel lok, eccessiva, u fit-tieni lok inadegwata fic-cirkostanzi tal-kaz.

L-Ewwel Qorti infliggiet ordni ta' probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sena. B' kull dovut rispett, l-appellant ma jistax jifhem ghalfejn inghata ordni bhal dan. L-ordni ta' probation huwa wiehed fejn mir-rizorsi tal-amministrazzjoni pubblika, jigu sorveljati persuni li jkunu ghaddejin minn problem ta' vizzji, inkluz dawk ta' droga jew sustanzi ohra, ta' alcohol, jew ta' socjali serji, li jkunu jehtiegu ghajnuna, direzzjoni u sorveljanzaregolari. Il-kaz li kellha quddiema l-Ewwel Qorti ma kellu xejn minn dawn il-problemi. Jekk xejn, ghalhekk, il-Qorti setghet facilment tinfliggi piena that l-artikolu 22 tal-istess Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn hekk, l-appellant jissottometti wkoll illi l-garanzija ta' €1000 ghal zmien sena, a tenur tal-artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija wahda eccessiva gjaladarba din il-piena giet inflitta ghall-finijiet ta' l-Ewwel imputazzjoni, li hija wahda kontravenzjonali u mhux delittwali.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell ta'l-imputat huwa imsejjes fuq tlett lanjanzi fejn it-tieni aggravvju li jikkoncerna l-preskrizzjoni ta'l-ewwel imputazzjoni giet irtirata fid-dawl tal-liberatorja maghmula mill-Ewwel Qorti. Illi ghalhekk jifdal biss li jigu trattati i-zewg lanjanzi l-ohra, wahda fil-mertu li tolqot l-unika imputazzjoni fejn instabet reita' u l-ohra diretta lejn il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi l-lanjanza ewlenija imressqa 'il quddiem mill-appellanti allura hija diretta lejn ir-reat tal-ingurja gravi kif ipprospettat fl-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali, dwar liema reat instabet htija fil-konfront tal-appellanti. Jishaq illi l-fattispecje ta' dan il-kaz li kienu jikkoncernaw tilwima bejn tnejn minn nies, f'dan il-kaz missier u iben, fejn allegatament kien hemm xi kliem ta' tghajjir, ghalkemm jistghu ikunu kostitwenti tal-ingurja kontravvenzjonali, izda certament ma jistax jaqa' fir-relm tad-delitti kif mahsub fl-artikolu 252 kif inghad.

Issa l-appellanti fir-rigward ta' din l-akkuza jikkontendi ukoll illi l-kliem ingurjuz li seta' inghad minnu, sehh minhabba li gie ipprovokat minn missieru. Illi l-ingurja dellitwali, kuntrarjament ghal dik kontravvenzjonali tenhtieg l-"animus injurandi", *"jigifieri l-propozitu doluz, jew almenu l-koxjenza doluza, li l-kwerelat qieghed jghid xi haga li tnaqqas l-istima u r-riputazzjoni, jew l-unur, jew ir-rispettabilita' tal-kwerelant, jew li tesponieh ghad-disprezz. Imma jekk l-att tal-kwerelat ikun jikkonsisti fis-semplici volontarjeta' li jghid xi haga li tinsulta lill-kwerelant, allura jkun hemm biss ingurja kontravvenzjonali*[1]*.*

Similment:

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi* ***iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata*** *("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li*

[1] App.Krim Rosaria Grech vs Caterina Pulo 23/05/1953.

*jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali.*[2]"

Issa il-fatti li rrizultaw f'dan il-kaz kienu bla dubbju jinkwadraw ruhhom fir-reat kontravvenzjonali, u mhux fid-delitt kontemplat fl-Artikolu 252 imsemmi ghaliex ghalkemm jidher illi l-appellanti qal xi kliem ta' tghajjir fil-konfront ta' missieru u ghalkemm jidher li ghal dan id-diskors kien prezenti huh Roderick li ighix mal-missier, madanakollu huwa nieqes l-element tat-tixrid, tal-pubblicita ta' dawk il-kliem u dan bl-intenzjoni tal-awtur tar-reat illi jaghmel hsara lir-reputazzjoni tal-vittma tieghu. Dawn l-elementi huma neqsin f'dan il-kaz billi kif tajjeb tirrileva id-difiza dan kien argument familjari li sehh fil-privat u cioe' fir-residenza ta' missier l-appellanti bejn tlieta minn nies u cioe' l-appellanti, missieru u huh Roderick.

Issa allura l-fatti li rriżultaw kienu għalhekk jinkwadraw ruħhom fir-reat kontravvenzjonali (reat kompriż u involut fir-reat addebitat lill-appellanti), u mhux fid-delitt kontemplat fl-artikolu 252 imsemmi. Issa, l-inċident in kwistjoni sehh fit-12 ta' Marzu 2015. Iċ-ċitazzjoni relattiva ħarġet fil-15 ta' Mejju 2015 u giet innotifikata lill-appellanti fl-indirizz li jidher fuq ir-registru elettorali billi jidher illi dan huwa l-indirizz marbut mal-karta ta'l-identita tieghu. Dan l-indirizz huwa proprju dak fejn jirrisjedi missieru fejn allura mir-riferta tan-notifika ta'l-appellanti jidher illi c-citazzjoni thalliet ma' hadd hlief l-parti leza. Issa n-notifiki ta'l-atti gudizzjarji hija regolata bl-Avviz Legali 335 tal-2015 fejn hemm dispost fir-regolament 4(2) illi "*l-ebda oġġezzjoni ma tista' titressaq fuq il-bażi ta' irregolarità tan-notifika għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-provisos ta' hawn qabel, jekk jirriżulta li n-notifika fil-fatt tkun waslet għand il-persuna li kellha tirċeviha jew jekk il-persuna tidher quddiem il-Qorti.*"

Illi fl-ewwel dehra quddiem il-qorti li sehhet fit-08 ta' Frar 2016 l-appellanti deher assistit mid-difensur tieghu u kwindi in-notifika tieghu ghandha titqies bhala wahda regolari ghalkemm ma thallietx mal-persuna idonja. Allura tirrizulta reita' ghall-akkuza kontravvenzjonali mahsuba fl-artikolu 339(1)(e), liema reat huwa kompriz u involut fir-reat tal-ingurja gravi billi huwa indubitat illi l-appellanti qal kliem ingurjuza fil-konfront ta' missieru.

[2] Il-Pulizija vs Joseph Vella App.Inf 30/04/2001

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tghaddi sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn l-appellanti gie illiberat mill-ewwel u it-tielet akkuzi, tilliberah ukoll mit-tieni akkuza, izda issibu hati tar-reat kompriz u involut fit-tieni imputazzjoni ai termini ta'l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta u tirriforma l-piena inflitta billi tirrevoka fejn huwa tqieghed taht Ordni ta' Probation u minflok tikkundannah ammenda ta' €30. Tikkonferma l-garanzija imposta taht l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bit-terminu ta' sena jibda jidekorri mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur